Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAL TLIETA U ĦAMSIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Erbgħa, 26 ta' Ottubru 2011

**Ħin:** Mis-5.50pm sat-7.50pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Trevor De Giorgio

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Wieħed u Ħamsin u Tnejn u Ħamsin laqgħa tas-Sitt Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Wieħed u Ħamsin laqgħa ta nhar il-Erbgħa, 14 ta' Settembru 2011 u it-Tnejn u Ħamsin Laqgha tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 30 ta' Settembru 2011 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tal-Wieħed u Ħamsin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 14 ta' Settembru 2011 u it-Tnejn u Ħamsin Laqgha tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 30 ta' Settembru 2011 kienu proposti għall-approvazzjoni.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Is-Sur Trevor Degiorgio xtaq jagħmel korrezzjoni tal-minuti fuq il-laqgħa numru Wieħed u Ħamsin fuq item numru disa' rigwardanti approvazzjoni tad-dokumenti għal-ħruġ tal-offerta għal-xogħolijiet fuq il-proġett ERDF 205. Huwa rrimarka li il-kummenti tas-Segretarja Eżekuttiv fejn qalet li ma kiem hemm l-ebda għajnuna min-naħa tas-Sindku u is-Sur T. Degiorgio ma kienux korretti u għandhom jidħlu il-kliem "li kullħadd għandu dritt għal-opinjoni imma li ma tawx każ ma kienx korrett u li kulħadd ta'sehmu f'dan il-proġett".

Il-Minuti kienu proposti ghall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Sospensjoni ta' L-Agenda**

Is-Sindku talab li tinbidel l-ordni tax-xogħol biex tiġi diskussa *item* 4 ta' l-agenda qabel xogħol ieħor peress li kien hemm preżenti l-*Accountant* tal-Kunsill biex jaghti il-kummenti tieghu. Il-Kunsill qabel unanimament u għadda biex jiddiskuti *item* 4 ta' l-*agenda*.

**3. Rapport Finanzjarju ghat-Tlett xhur Lulju sa Settembru 2011**

L-Agent Segretarju Ezekuttiv qieghed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Lulju sa Settembru (mehmuz)

Ġie msejjaħ l-Accountant tal-Kunsill, Is-Sur M. Debono biex jagħti il-kummenti tiegħu fuq dan ir-rapport. Huwa qal li minn dan ir-rapport jidher li is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill hija tajba u li 'l-Kunsill qiegħed fid-direzzjoni it-tajba ta' kif jintefqu il-flus. Is-Sindku rrimarka li minkejja li hemm

riserva tajba, irridu noqgħodu attenti għal-mod kif jintefqu il-flus meta tieħu fi konsiderazzjoni li fil futur qarib ħa jibda il-proġett tal-pjazza kif wkoll hekk kif daħlet ix-xitwa l-ispejjez jiżdiedu f'dak li jirrigwarda il-manutenzjoni tat-toroq.

Ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Lulju sa Settembru 2011 kien propost għall-approvazzjoni mill-Vici Sindku, Is-Sur J. Galea li kien ssekondat mill-Kunsillier G.Borg. Ir-Rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mill-Agent Segretarju Ezekuttiv biex juri li huwa document korrett.

**4. Mill-Minuti.**

1. Is-Segretarju nfurma lill-Kunsill illi d-ditta MP&DC Ltd qed jipprepara il-'Bill of Quantities' biex ikun jista' jissottometti l-applikazzjoni għall-fondi UIF għan-nom tal-Kunsill.

2. Is-Segretarju nfurma lill-Kunsill fuq it-tibdil tar-rotot tal-Arriva. Is-Sindku rrimarka li bil-ħidma tal-kunsill kollu sar kambjament radikali u dan mar għall-aħjar. Għal dan huwa rringrazzja lil kulħadd.

3. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li ġie maħtur Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur M. Mallia u li bħalissa qed jingħata *handover* tax-xogħol li jsir ġewwa l-Kunsill.

4. L-applikazzjoni għall-*bus shelter* li kella tittella fil-Pjazza ta' Triq Ġuże' Bonnici għadha pendenti minħabba l-permess tal-MEPA.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill illi għall-Proġett SEAP (Sustainable Energy Action Plan), is-Sur G Borg kien issuġġerixxa li jinħatru 3 min-nies biex jieħdu ħsieb il-proġett. Is-Sindku rrimarka li għalissa għandha tingħata priorita' lill-proġett tal-ERDF.

6. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-applikazzjoni biex jinbena fence madwar il-playing field saret u qed nistennew li tiġi approvata. Is-Sindku irrimarka li wieħed irid jara kemm fondi ħa jingħataw qabel ma tittieħed deċiżjoni l-fence isirx jew le.

7. Fil-festa frott kien hemm ftehim mal-Kunsill ta' Attard li jitħallsu nofs l-ispejjeż mill-kunsill ta' Ħal Balzan.

**5. Korrispondenza**

**Ittra Numru 1109/11** – L-ittra mill-Każin San Gabriel jitolbu li il-paviment jibda minn quddiem il-Każin tagħhom ukoll. Il-Kunsill irrimarka li kien hemm biżżejjed żmien ta' Konsultazzjoni dwar il-pjanti li ħarġu fl-2007 u li għalissa minħabba żmien u riżorsi finanzjarji dan ma jippermettix, pero' l'quddiem wieħed jara l-vijabilita' ta' dan it-tibdil.

**Ittra numru 1108/11** – L-ittra ta' Kjarifika mill-Każin San Gabriel fuq dak li ntqal waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-3 ta' Awwissu 2011. B'dispjaċir il-Kunsill innota din l-ittra fil-konfront tal-Kunsillier, is-Sur T. Degiorgio u li minn naħa tiegħu ta spjegazzjoni lill-Kunsill ta' kif ġraw il-fatti u ttieħed vot ta' appoġġ unanimu għal- Kunsillier T. Degiorgio.

**Ittra Numru 1105/11** – L-ittra minn Malta.com ġiet innutata u l-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni.

**Ittra Numru 1026/11** – Saret laqgħa mas-Sindku minn MyDestinationMalta.com fejn ġie offrut li jtellgħu fuq il-website tagħhom informazzjoni fuq il-lokalita' ta' Ħal Balzan b'xejn. Qed joffru wkoll għal prezz ta' €295 Panoramic Views tal-lokalita ta' Ħal-Balzan. Dan ħa jkun ħlas ta' darba biss. Il-Kunsill qabel unanimament li dan isir.

**Ittra Numru 1101/11** – L-ittra mill-Uffiċċju tal-President fuq 'Fun Run' 20. Il-Viċi-Sindku , is-Sur J Galea nforma lill-Kunsill li fl-aħħar laqgħa li saret mill-Kumitat Organizzattiv ġie propost li minn kull lokalita' li minnha ħa tgħaddi din it-tiġrija tiġi organizzata xi attivita'mill-Kunsill stess. Il-Kunsill qabel li jara x'possibiltajiet hemm biex din l-attivita' tiġi organizzata.

**Ittra Numru 1041/11** - Kwotazzjoni minn Micamed Ltd. ta' kemm ħa tiġi tiswa l-lampa biex din terġa titwaħħal fi Triq Birbal wara li bini li miegħu kienet mwaħħla l-lampa preċedenti ġiet maqlugħa minħabba xogħol ta' kostruzzjoni. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill minħabba l-urġenza tagħha għax ir-residenti ma jistgħux joqgħodu fid-dlam. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li din il-lampa tiġi ordnata u imwaħħla bi spejjeż tal-Kunsill, pero' għandha tinkiteb ittra lill-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol ta' kostruzzjoni biex jikkontribwixxi għall-ispejjeż involuti.

**Il-laqgħa ġiet aġġornata għal break ta' ħames minuti.**

**6. Diskussjoni dwar l-offerti li ntefgħu ghal-xoghlijiet fuq il-Proġett ERDF 205 *"Regenerating Balzan Square and Implementing a Tourist Heritage Trail"* u "*Street Furniture*" ta' l-istess proġett kif ukoll ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni.**

L-uniku tender li ntefgħet kienet dik ta' Camray Ltd u għalhekk l-ewwel ħaġa li trid issir huwa li dan it-tender jiġi evalwat biex jara li l-kriterji kollha mitluba huma stabbiliti. Is-Sindku talab is-segretarju biex mill-aktar fis possibli ssir laqgħa bejn il-Perit tal-Kunsill, is-Sindku, il-Kunsillier T. Degiorgio u s-segretarju biex jiġi aġġudikat dan il-proġett. Dawn l-erbgha minn nies ser ikunu il-bord tal-evalwazzjoni maħtur mill-Kunsill.

Is-Sindku talab li fl-istess laqgħa li għandha ssir mal-perit rigward l-aġġudikazzjoni tal-Proġett ERDF għandu jiġi wkoll evalwat u aġġudikat it-tender fir-rigward ta' *Street Furniture*. Is-Sindku talab li għandu jiġi infurmat is-Sur I. Gauci PPCD biex jiġi mgħarraf lilu d-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kunsill.

**7. Diskussjoni dwar l-offerti li ntefgħu fir-rigward tal- "Project Administrator fuq il-Proġett ERDF 205 *"Regenerating Balzan Square and Implementing a Tourist Heritage Trail.***

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet persuna waħda biss li tefgħet l-applikazzjoni tagħha pero'din il-persuna ma mxietx skond it-termini stabbiliti fit-tender documents. Kull ma tefgħet kienet invoice mingħajr dettalji. Din l-offerta awtomatikament ġiet skwalifikata u għalhekk inħolqot problema li issa għad m'għandniex Project Manager. Il-Kunsillier T. Degiorgio issuġġerixxa li biex ma naħlux żmien, inkomplu għaddejjin biż-żewġ tenders l-oħra u fl-istess ħin terġa' toħroġ applikazzjoni ta' sejħa għall-offerti fir-

rigward ta' Project Manager. Huwa rrimarka wkoll li minħabba impenji ta' xogħol, huwa, mhux ser jerġa' jikkontesta l-elezzjoni għall-Kunsill u għalhekk għall-ġid tal-Lokalita ma jistax jibqa' il-Project Leader ta' dan il-proġett. Is-Sindku ppropona li għal dawn il-ħames xhur li ġejjin jieħu over bħala Project Leader biex ikun hemm kontinwita'. Din il-proposta ġiet aċċettata mill-Kunsill.

**8. Proġett Wied Ħal Balzan**

Is-Sindku rrimarka li kif kulħadd jaf hemm fondi (UIF) allokati mill-MEPA fejn hemm proġett kbir ta' manutenzjoni u żvilupp. Il-Kunsill lokali lesta l-pjanti u ġew approvati mill-MEPA. Issa l-kumpanija MP&DC li ssottomettiet il-pjanti qed jippreparaw il-*Bill of Quantities*, dan jiġi mibgħut lill-MEPA għall-approvazzjoni u jekk il-fondi allokati ta' €60,000 ma jaqbżux is-somma indikata fil-*Bill of Quantities*, dan il-proġett isir.

**9. Skema ta' Parkeġġ**

Kienet saret applikazzjoni biex din l-iskema titħaddem minn Triq il-Kbira sa Pjazza San Franġisk. Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Perit Vassallo kien infurmat li jrid ikun hemm area aktar estiża involuta biex tiġi kkunsidrata. Huwa qed jipproponi li jkun hemm Pilot Project u ssir applikazzjoni oħra fejn din tiġi estiża mill-Pjazza l'isfel, jiġifieri l-Village Core. Bażikament il-Kunsill ser jipprova jaqta' l-problema tal-parking fejn l-iskola, fejn kull filgħodu l-għalliema jingumbraw l-ispazji tal-parking b'detriment għar-residenti. Kien hemm qbil unanimu fuq dan u s-Segretarju ġie mqabbad biex jibda dan il-proċess. Is-sistema tkun tikkonsisti f'60 min Parking No Return bejn is-7am u s-7 pm.

**10. Komunikazzjoni tas-Sindku**

Is-Sindku kellem lill-Aġent Segretarju Ezekuttiv l-ġdid biex jara jekk hemmx bżonn xi tibdil fl-istruttura tal-uffiċċju u li hemm bżonn li nallokaw xi fondi mill-Kunsill biex isir dan it-tibdil jekk ikun hemm bżonn. Huwa qed jipproponi li tiġi allokata s-somma ta' €600 għal dan il-għan. Il-Kunsill qabel unanimament.

**11. Rapport ta' L-Ilmenti**

**Ilment Nru 17011010150233**: Talba biex tiġi rranġata il-bankina fi Triq Sir Antonio Micallef. Il-Viċi Sindku J Galea ħa jieħu l-inkarigu biex jara x'hemm bżonn isir u tingħata risposta lill-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

**Ilment Nru 17011012150777**: Talba biex tissolva l-problema tal-għargħar u drenaġġ f'Wied Ħal Balzan. Ħa jiġu ċċekkjati l-isferi u jekk ikun hemm bżonn jitnaddfu u jinżammu fi stat tajjeb.

**Ilment Nru 17011043152097**: Talba biex jerġgħu jinżebgħu il-yellow lines fi Triq Idmejda. Il-kunsill nnota u ħa jara x'jista' jsir.

**Ilment Nru 17011094152268**: Talba biex fi Triq San Franġisk quddiem l-iskola Stella Maris isir xi tip ta' 'Sleeping Policeman'. Il-Kunsill irrimarka li diġa' kien sar dan it-tip imma kellha tiġi mneħħija minħabba oġġezzjoni tat-Transport Malta għax irrimarkaw li l-Kunsill għamilha biex jiddevja l-ilma li jkun ġej u mhux bħala 'sleeping policeman'.

**Ilment Nru 17011093152766**: Talba biex isiru double yellow lines f'Wied Ħal Balzan kantuniera mal-Pasta Factory. Din it-talba ġiet innutata.

**Ilment Nru 17011008153434**: Suġġeriment biex il-boroż tal-plastik jibdew jinġabru darbtejn fil-ġimgħa. Il-Kunsill irrimarka li hemm żewġ 'Bring-In Sites', biex wieħed ikun jista' jarmi dawn il-boroż pero' l-Kunsill irid jara jekk il-fondi jippermettux li jsir dan għax jekk isir hekk dawn iridu jitħallsu mill-Kunsill. Għalissa dan mhux possibli.

**Ilment Nru 17011085153600**: Talba biex issir rampa fil-kantuniera tal-bankina ta' Wesgħa Profs. Aquilina ma' Triq Idmejda. Il-Kunsill ħa jagħmel ispezzjoni biex jara x'jista' jsir.

**Ilment Nru 17011016153606**: Talba biex issir rampa żgħira fil-bidu ta' Sqaq Nru 3 fi Triq it-Tlett Knejjes. Dan ma jistax isir fuq ordni tat- Transport Malta.

**Ilment Nru 17011091154505**: Talba biex isiru double yellow lines fi Triq Balaguer kantuniera ma' Triq Sigismondo Dimech. Il-Kunsill imkariga lis-Segretarju biex jikteb lil Awtoritajiet fuq din u tittieħed azzjoni.

**Ilment Nru 17011011154626**: Talba biex Triq Valent Muscat terġa' tiġi miftuħa għat-traffiku. Din it-talba ma tistax tiġi milqugħa għax kien hemm ordni mill-Malta Transport Authority peress li t-triq hija diġa' dejqa żżejjed.

## 12. <u>Approvazzjoni biex isir il-ħlas</u>

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data ta' l-14 ta' Settembru 2011 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' €16,831.80.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

## 13. <u>Affarijiet Oħra</u>

Il-Viċi- Sindku, is-Sur J.Galea issuġġerixxa li l-istaff tal-Front Desk tal-Kunsill ikollu l-uniformi tiegħu. Il-Kunsill qabel ma' dan u qabbad lis-segretarju biex ikellem l-istaff fuq dan.

**Għeluq**: Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 16 ta' Novembru, 2011 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mr. M. Mallia** |
| Sindku | Aġent Segretarju Ezekuttiv |

Data